



Kunsill Ewropew

Brussell, 28 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

EUCO 9/18

CO EUR 9
CONCL 3

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (28 ta' Ġunju 2018) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa ta' hawn fuq.

I. MIGRAZZJONI

1. Il-Kunsill Ewropew jerġa' jikkonferma li prekontidizzjoni għal politika tal-UE li taħdem tiddependi fuq approċċ komprensiv għall-migrazzjoni li jikkombina kontroll aktar effettiv tal-fruntieri esterni tal-UE, aktar azzjoni esterna u l-aspetti interni, f'konformità mal-prinċipji u l-valuri tagħna. Din hija sfida mhux biss għal Stat Membru wieħed, iżda għall-Ewropa kollha. Mill-2015 'il hawn ġew attwati għadd ta' miżuri biex jinkiseb il-kontroll effettiv tal-fruntieri esterni tal-UE. B'riżultat ta' dan, l-għadd ta' każijiet individwati ta' qsim illegali tal-fruntieri għal ġewwa l-UE tnaqqas b'95 % mill-ogħla livelli f'Ottubru 2015, anki jekk il-flussi kienu qed jiżdiedu reċentement fuq ir-rotot tal-Lvant u l-Punent tal-Mediterran.
2. Il-Kunsill Ewropew hu ddeterminat li jkompli u jsaħħaħ din il-politika biex jevita ritorn għall-flussi mhux ikkontrollati tal-2015 u biex ikompli jwaqqaf il-migrazzjoni illegali fuq ir-rotot eżistenti u emerġenti kollha.
3. B'rabta mar-Rotta tal-Mediterran Ċentrali, għandhom ikomplu jissaħħu l-isforzi biex il-faċilitaturi ta' dħul klandestin jitwaqqfu milli joperaw mil-Libja jew minn kwalunkwe post ieħor. L-UE ser tkompli tkun solidali mal-Italja u Stati Membri oħrajn l-aktar esposti f'dan ir-rigward. Hija ser iżżid l-appoġġ tagħha għar-reġjun tas-Saħel, il-Gwardja Kostali Libjana, il-komunitajiet kostali u tan-Nofsinhar, għall-kondizzjonijiet umani ta' akkoljenza, ir-ritorni umanitarji volontarji, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi oħrajn ta' orijini u ta' tranżitu, kif ukoll ir-risistemazzjoni volontarja. Il-bastimenti kollha li joperaw fil-Mediterran għandhom jirrispettaw il-liġijiet applikabbli u mhux itellfu l-operazzjonijiet tal-Gwardja Kostali Libjana.

4. F'dak li jirrigwarda r-Rotta tal-Lvant tal-Mediterran, jenħtieġu sforzi addizzjonali biex id-Dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija tiġi implimentata b'mod sħiħ, jiġi evitat qsim ġdid mit-Turkija u jitwaqqfu l-flussi. Il-ftehim ta' riammissjoni bejn l-UE u t-Turkija u l-ftehimiet bilaterali ta' riammissjoni għandhom jiġu implimentati b'mod sħiħ u nondiskriminatorju fir-rigward tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġu b'urġenza aktar sforzi biex jiġu żgurati ritorni rapidi u jiġi evitat l-iżvilupp ta' rotot ġodda fil-baħar jew fuq l-art. Il-kooperazzjoni mas-sħab fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent u l-appoġġ li jingħataw f'dan ir-rigward jibqgħu kruċjali biex tiġi skambjata informazzjoni dwar il-flussi migratorji, tiġi evitata l-migrazzjoni illegali, jiżiedu l-kapaċitajiet b'rabta mal-protezzjoni tal-fruntieri u jitjiebu l-proċeduri ta' ritorn u ta' riammissjoni. Fid-dawl taż-żieda reċenti fil-flussi fil-Mediterran tal-Punent, l-UE ser tappoġġa, finanzjarjament u b'modi oħra, l-isforzi kollha mill-Istati Membri, speċjalment Spanja, u l-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu, b'mod partikolari l-Marokk, biex jipprevjenu l-migrazzjoni illegali.
5. Sabiex jitkisser definittivament il-mudell kummerċjali tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin, u b'hekk jiġi evitat it-telf traġiku ta' ħajjiet, jenħtieġ li jiġi eliminat l-inċentiv li jsiru vjaġġi perikolużi. Dan jeħtieġ approċċ ġdid ibbażat fuq azzjonijiet kondiviżi jew komplementari fost l-Istati Membri għall-iżbark ta' dawk li jiġu salvati f'operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ. F'dak il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex b'mod rapidu jesploraw il-kunċett ta' pjattaformi reġjonali ta' żbark, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti kif ukoll il-UNHCR u l-IOM. Pjattaformi bħal dawn għandhom joperaw sitwazzjonijiet individwali distinti, b'rispett sħiħ għad-dritt internazzjonali u mingħajr ma jinħoloq fattur ta' attrazzjoni.
6. Fit-territorju tal-UE, dawk li jiġu salvati, skont id-dritt internazzjonali, għandu jittieħed l-inkarigu tagħhom, abbażi ta' sforz kondiviż, permezz tat-trasferiment f'ċentri kkontrollati mwaqqfa fl-Istati Membri, fuq bażi volontarja biss, fejn l-ipproċessar rapidu u sigur jkun jippermetti, bl-appoġġ sħiħ tal-UE, biex issir distinzjoni bejn il-migranti irregolari li ser jiġu ritornati, u dawk fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, li għalihom ikun japplika l-prinċipju tas-solidarjetà. Il-miżuri kollha fil-kuntest ta' dawn iċ-ċentri kkontrollati, inkluż ir-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni, ser ikunu fuq bażi volontarja, mingħajr preġudizzju għar-riforma ta' Dublin.

7. Il-Kunsill Ewropew jaqbel dwar it-tnedija tat-tieni porzjon tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija u fl-istess ħin dwar it-trasferiment ta' 500 miljun euro mill-11-il riserva tal-FEŻ għall-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika. L-Istati Membri huma barra minn hekk mitluba jikkontribwixxu aktar għall-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika bil-ħsieb li dan jiġi rikostitwit.
8. L-indirizzar tal-problema tal-migrazzjoni fil-qalba tagħha jirrikjedi sħubija mal-Afrika li timmira lejn trasformazzjoni soċjo-ekonomika sostanzjali tal-kontinent Afrikan fuq il-bażi tal-prinċipji u l-oġettivi kif definiti mill-pajjiżi Afrikani fl-Aġenda 2063 tagħhom. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jridu jilqgħu din l-isfida. Jenħtieġ li nieħdu l-ambitu u l-kwalità tal-kooperazzjoni tagħna mal-Afrika fl-ivell ġdid. Dan mhux ser jirrikjedi biss aktar finanzjament għall-iżvilupp iżda wkoll passi lejn il-ħolqien ta' qafas ġdid li jippermetti żieda sostanzjali ta' investiment privat sew mill-Afrikani kif ukoll mill-Ewropej. Għandha ssir enfasi partikolari fuq l-edukazzjoni, is-saħħa, l-infrastruttura, l-innovazzjoni, il-governanza t-tajba u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. L-Afrika hija l-ġar tagħna u dan għandu jsarraf f'aktar skambji u kuntatti bejn il-popli taż-żewġ kontinenti fil-livelli kollha tas-soċjetà ċivili. Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Afrikana hija element importanti tar-relazzjoni tagħna. Il-Kunsill Ewropew jappella biex din tiġi żviluppata u promossa aktar.
9. Fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa għal strumenti flessibbli, li jippermettu żborż rapidu, għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali. Il-fond għas-sigurtà interna, dak għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri, u dak għall-asil u l-migrazzjoni għandhom għaldaqstant jinkludu komponenti sinifikanti ddedikati għall-ġestjoni tal-migrazzjoni esterna.
10. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-ħtieġa li l-Istati Membri jiżguraw il-kontroll effettiv tal-fruntieri esterni tal-UE bl-appoġġ finanzjarju u materjali tal-UE. Huwa jissottolinja wkoll il-ħtieġa li jiżdied b'mod sinifikanti r-ritorn effettiv ta' migranti irregolari. Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ aspetti, ir-rwol ta' appoġġ tal-FRONTEx, inkluż fil-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, għandu jissaħħaħ aktar permezz ta' aktar riżorsi u mandat imsaħħaħ. Huwa jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel proposti legiſlattivi għal politika Ewropea ta' ritorn aktar effettiva u koerenti.

11. B'rabta mas-sitwazzjoni interna fl-UE, movimenti sekondarji minn Stat Membru għal ieħor ta' persuni li jfittxu asil jirriskjaw li jipperikolaw l-integrità tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u l-acquis ta' Schengen. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri legiſlattivi u amministrattivi interni kollha meħtieġa biex iwaqqfu dawn il-movimenti u biex jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin għal dak il-għan.
12. F'dak li jirrigwarda r-riforma ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, sar ħafna progress bis-saħħa tal-isforzi bla heda tal-Presidenza Bulgara u l-Presidenzi ta' qabilha. Diversi fajls jinsabu qrib li jiġu ffinalizzati. Jenħtieġ li jintlaħaq kunsens dwar ir-Regolament ta' Dublin sabiex jiġi rriformat abbażi ta' bilanċ ta' responsabbiltà u solidarjetà, filwaqt li jitqiesu l-persuni żbarkati wara operazzjonijiet ta' Tfittxija u Salvataġġ. Huwa meħtieġ ukoll eżami ulterjuri fuq il-proposta dwar il-Proċeduri ta' Asil. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa li tinsab soluzzjoni rapida għall-pakkett kollu u jistieden lill-Kunsill biex ikompli jaħdem bil-għan li jikkonkludi mill-aktar fis possibbli. Ser ikun hemm rapport dwar il-progress matul il-Kunsill Ewropew ta' Ottubru.

II. SIGURTÀ U DIFIŻA

13. Jeħtieġ li l-Ewropa terfa' responsabbiltà akbar għas-sigurtà tagħha stess u tirfed ir-rwol tagħha bħala attur u sieħba kredibbli u affidabbli fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża. L-Unjoni għaldaqstant qed tieħu passi biex issaħħaħ id-difiża Ewropea, billi żżid l-investment fid-difiża, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet u l-livell ta' tħejjija operazzjonali. Dawn l-inizjattivi jżidu l-awtonomija strateġika tagħha filwaqt li jikkomplementaw u jsaħħu l-attivitajiet tan-NATO, f'konformità ma' konklużjonijiet preċedenti. Il-Kunsill Ewropew:
 - jappella għat-twettiq tal-impenji tal-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u biex ikompli jiġu żviluppati l-proġetti inizjali u l-qafas istituzzjonali, b'mod li jkun għalkollox konsistenti mar-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża u l-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet rivedut adottat fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża. Il-ġabra li jmiss ta' proġetti ser jintlaħaq qbil dwarha f'Novembru 2018. Huwa jistieden lill-Kunsill sabiex jiddeċiedi dwar il-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' Stati terzi fi proġetti tal-PESCO;

- jilqa' l-progress fil-mobbiltà militari fil-qafas tal-PESCO u tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO, jistenna li r-rekwiżiti militari fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-mobbiltà militari issa jiġu ffinalizzati, u jappella lill-Istati Membri biex jissimplifikaw u jistandardizzaw ir-regoli u l-proċeduri rilevanti sal-2024. Dawn l-isforzi, li għandhom jirrispettaw b'mod sħiħ is-sovranià tal-Istati Membri, jirrinforzaw lil xulxin u jsegwu approċċ globali minn kull livell tal-gvern, ser jiġu eżaminati kull sena, mir-rebbiegħa tal-2019 'il quddiem, fuq il-bażi ta' rapport mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli;
- jappella għall-implimentazzjoni rapida tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża u għal aktar progress fil-Fond Ewropew għad-Difiża kemm fil-fergħa tar-riċerka kif ukoll fil-fergħa tal-kapaċitajiet tiegħu;
- jilqa' l-ħidma li saret biex tissaħħa id-dimensjoni ċivili tal-PSDK u jappella għal qbil fuq Patt dwar id-dimensjoni ċivili tal-PSDK sa tmiem din is-sena, biex b'hekk jiġi pprovdut qafas ġdid tal-UE għall-maniġġar ċivili ta' kriżijiet u missjonijiet tal-PSDK, b'impenji ambizzjużi fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Ifakkar li l-aspetti militari u ċivili jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod komprensiv b'attenzjoni fuq riżultati konkreti;
- jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta dwar ir-reżiljenza tal-Ewropa għal theddid ibrid u ta' natura Kimika, Bijoloġika, Radjoloġika u Nukleari u jappella għall-adozzjoni malajr kemm jista' jkun ta' reġim ġdid tal-UE ta' miżuri restrittivi biex jiġu indirizzati l-użu u l-proliferazzjoni tal-armi kimiċi. Wara l-Konferenza straordinarja tal-Istati Parti għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi, l-UE timpenja ruħha li tappoġġa l-implimentazzjoni tar-riżultati tagħha;

- jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex sa Diċembru 2018, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2015, jippreżentaw pjan ta' azzjoni bi proposti speċifiċi għal rispons koordinat tal-UE għall-isfida tad-diżinformazzjoni, inkluż mandati xierqa u riżorsi suffiċjenti għat-timijiet rilevanti ta' Komunikazzjoni Strateġika tas-SEAE;
- jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċitajiet kontra t-theddid għaċ-ċibersigurtà minn barra l-UE u jitlob lill-istituzzjonijiet u l-Istati Membri biex jimplimentaw il-miżuri msemmija fil-Komunikazzjoni Konġunta, inkluż il-ħidma fuq l-attribuzzjoni ta' ċiberattakki u l-użu prattiku tas-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija;
- jappella għal aktar koordinazzjoni fost l-Istati Membri u, kif opportun, fil-livell tal-UE u f'konsultazzjoni man-NATO, biex titnaqqas it-theddida minn attivitajiet ta' intelligence ostili;
- jappella biex tkompli tiġi approfondita l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ta' inklużività, reċiproċità u awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, inkluż permezz ta' Dikjarazzjoni Konġunta ġdida, fuq il-bażi tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2016 u l-proposti għal azzjoni marbutin magħha;
- jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta leġislattiva biex jitjieb il-kxif u t-tneħħija ta' kontenut li jinċita l-mibegħda u t-twettiq ta' atti terroristiċi.

III. IMPJIEGI, TKABBIR U KOMPETITTIVITÀ

14. Il-Kunsill Ewropew japprova r-rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi kif diskussi mill-Kunsill, u b'hekk jippermetti l-konklużjoni tas-Semestru Ewropew tal-2018. Is-sitwazzjoni ekonomika tajba attwali għandha tintuża biex jissaħħaħ il-momentum ta' riforma.
15. L-iżgurar ta' tassazzjoni ġusta u effettiva għadu prijorità ewlenija. F'dak il-kuntest, il-ġlieda kontra l-evitar, l-evalazzjoni u l-frodi tat-taxxa trid titkompla b'mod qawwi kemm fil-livell dinji (partikolarment fl-OECD) kif ukoll fi ħdan l-UE. Fl-istess waqt, hemm bżonn reali li nadattaw is-sistemi ta' tassazzjoni tagħna għall-era diġitali. Il-Kunsill għaldaqstant għandu jmexxi 'l quddiem il-ħidma fuq il-proposti tal-Kummissjoni dwar it-tassazzjoni diġitali. Għandha tkompli wkoll il-ħidma fuq kif jista' jiġi żgurat il-ġbir effettiv tal-VAT, inkluż progress rapidu fil-proposti tal-Kummissjoni dwar il-miżuri fuq perijodu qasir.
16. Fil-kuntest ta' tensjonijiet dejjem jikbru fil-kummerċ, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li tiġi ppreservata u approfondita s-sistema multilaterali bbażata fuq ir-regoli. L-UE impenjata li taħdem għall-modernizzazzjoni tagħha u tappella lis-sħab kollha biex jagħtu kontribut pożittiv għal din il-mira. Huwa jistieden lill-Kummissjoni tipproponi approċċ komprensiv għat-titjib, flimkien ma' sħab tal-istess fehma, tal-mod kif id-WTO taħdem f'oqsma kruċjali bħal (i) negozjati aktar flessibbli, (ii) regoli ġodda li jindirizzaw sfidi attwali, inkluż fil-qasam tas-sussidji industrijali, il-proprjetà intellettuali u t-trasferimenti furzati tat-teknoloġija, (iii) tnaqqis tal-ispejjeż tal-kummerċ, (iv) approċċ ġdid għall-iżvilupp, (v) soluzzjoni aktar effettiva u trasparenti ta' tilwim, inkluż il-Korp tal-Appell, bil-ħsieb li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, u (vi) it-tisħiħ tad-WTO bħala istituzzjoni, inkluż fil-funzjoni tagħha ta' trasparenza u sorveljanza.

17. Bħala parti mill-aġenda kummerċjali pożittiva tagħha, l-UE ser tkompli tinnegozja ftehimiet kummerċjali ambizzjużi, ibbilanċjati u ta' benefiċċju reċiproku ma' sħab ewlenin madwar id-dinja, filwaqt li tippromwovi l-valuri u l-istandards tagħha. L-adozzjoni reċenti tar-regolament dwar il-modernizzazzjoni tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ ser tagħti kontribut biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Il-Kunsill Ewropew jappella biex il-proposta leġislattiva dwar l-iskrinjar ta' investimenti diretti barranin tiġi adottata malajr kemm jista' jkun.
18. B'reazzjoni għad-deċiżjoni tal-Istati Uniti li jiġu imposti tariffi fuq l-UE għal prodotti tal-azzar u tal-aluminju, li ma tistax tiġi ġġustifikata għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, il-Kunsill Ewropew jappoġġa b'mod sħiħ il-miżuri ta' riekwilibriju, il-miżuri potenzjali ta' salvagwardja biex inħarsu s-swieq tagħna, u l-proċedimenti legali fid-WTO, kif deċiżi fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. L-UE trid tirrispondi għall-azzjonijiet kollha ta' natura protezzjonista ċara, inkluż dawk li jixħtu dubju fuq il-Politika Agrikola Komuni.

IV. INNOVAZZJONI U DIĠITALI

19. Jeħtieġ li l-Ewropa tkompli tiżviluppa r-riċerka ta' kwalità għolja tagħha madwar l-UE u ssarrafha fi prodotti, servizzi u mudelli ta' negozju ġodda. Għandna bżonn ekosistema tal-innovazzjoni inklużiva u aktar b'saħħitha biex titrawwem innovazzjoni rivoluzzjonarja u li twassal għal ħolqien ta' swieq u jingħata appoġġ komprensiv biex negozji, inkluż SMEs, b'potenzjal fixkiel jidħlu fis-swieq dinjin b'suċċess.
20. Hu essenzjali li niksbu riżultati fil-proposti leġislattivi li għad fadal li jikkonċernaw is-Suq Uniku Diġitali qabel tmiem iċ-ċiklu leġislattiv attwali. Biex tinbena ekonomija Ewropea tad-data, hi meħtieġa aktar azzjoni biex jittejjeb l-użu effiċjenti tad-data madwar l-UE u titrawwem fiduċja permezz ta' standards għoljin ta' protezzjoni tad-data u l-implimentazzjoni sħiħa u l-infurzar proporzjonat tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data fir-rigward tal-atturi ekonomiċi kollha li jwettqu negozju fis-suq uniku tagħna. Data ta' kwalità għolja hi essenzjali għall-iżvilupp tal-Intelliġenza Artifiċjali. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-koleġislaturi biex malajr jeżaminaw l-aktar pakkett reċenti dwar id-data. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri fuq pjan ikkoordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, imsejjes fuq il-komunikazzjoni reċenti tagħha.
21. F'konformità mad-diskussjoni informali tal-Mexxejja f'Sofija, il-Kunsill Ewropew jinsisti fuq it-titjib tal-aċċess tan-negozji għall-finanzjament, inkluż billi jiġu kkoordinati aħjar l-iskemi u l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE u nazzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni, fuq il-provvediment ta' ambjent regolatorju favorevoli li jappoġġa aktar teħid ta' riskji, u fuq il-promozzjoni ta' ħliet diġitali kif ukoll rabtiet bejn id-dinja akkademika, l-industrija u l-gvernijiet. Għandha titħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni, inkluż permezz tal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej.
22. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tniedi inizjattiva pilota ġdida dwar l-innovazzjoni rivoluzzjonarja fiż-żmien li għad fadal f'Orizzont 2020. Ser jitwaqqaf Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss biex jidentifika u jespandi innovazzjoni rivoluzzjonarja u fixkiela.

V. KWISTJONIJIET OĦRAJN

23. Il-Kunsill Ewropew jilqa' u jappoġġa bis-sħiġ il-ftehim li ntlaħaq bejn l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Greċja dwar il-kwistjoni tal-isem. Dan, flimkien mal-ftehim bejn il-Bulgarija u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar it-Trattat ta' Ħbiberija, Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat, u Kooperazzjoni, jistabbilixxi eżempju qawwi għal oħrajn fir-reġjun biex isaħħu r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.
 24. Il-Kunsill Ewropew japprova l-konklużjonijiet dwar it-tkabbir u l-proċess ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni adottati mill-Kunsill fis-26 ta' Ġunju 2018.
 25. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ sħiġ tiegħu għar-Risoluzzjoni 2166 tal-KSNU dwar it-twaqqiġ tat-titjira MH-17. Jappella lill-Federazzjoni Russa biex taċċetta r-responsabbiltà tagħha u biex tikkoopera b'mod sħiġ mal-isforzi kollha biex jiġu stabbiliti l-verità, il-ġustizzja u r-responsabbiltà.
 26. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-pakkett ta' proposti dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu 2021-2027 ippreżentat mill-Kummissjoni fit-2 ta' Mejju 2018, kif ukoll tal-proposti leġislattivi settorjali għall-programmi li jappoġġaw il-politiki Ewropej li ġew ippreżentati minn dak inhar. Jistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jeżaminaw dawn il-proposti b'mod komprensiv u mill-aktar fis possibbli.
-